



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

2009/2152(INI)

5.2.2010

OPINJONI

tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar il-White Paper tal-Kummissjoni: "L-adattament għat-tibdil fil-klima:
Lejn Qafas Ewropew għall-azzjoni"
(2009/2152(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Dominique Vlasto

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

- A. billi s-settur tat-trasport huwa responsabbli għal madwar 27% tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-UE u din il-perċentwali qed tiżdied,
- B. billi l-Kunsill Ewropew tat-8 u d-9 ta' Marzu 2007 approva t-twaqqif ta' objettiv għall-Unjoni Ewropea li jikkonsisti fit-tnaqqis ta' 20%, jew ta' 30% f'każ li jintlaħaq ftehim internazzjonali, tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra sal-2020 meta mqabbla mal-livelli tal-1990, u billi dan l-objettiv ma jistax jintlaħaq jekk ma tiġix applikata strateġija konsistenti ma' dan l-objettiv għas-settur tat-trasport,
- C. billi t-tibdil fil-klima huwa realtà li parti kbira minnha hija kkawżata mill-attività tal-bniedem u fejn l-isfida hija li jingħaqdu flimkien il-partijiet involuti kollha fi sforz globali u sostenibbli biex tiġi protetta l-klima li jikkombina miżuri ta' prevenzjoni, mitigazzjoni u adattament, u billi jeħtieġ li l-politiki mfassla għal dan l-iskop ikunu kemm settorjali kif ukoll transsettorjali,
 1. Jiddispijaċih mill-fatt li s-settur tat-trasport ma ġiex ikkunsidrat fil-White Paper tal-Kummissjoni intitolata "L-adattament għat-tibdil fil-klima: Lejn Qafas Ewropew għall-azzjoni" (COM(2009)0147) u jispera li l-White Paper li jmiss dwar politika komuni Ewropea dwar it-trasport għall-ġejjieni sal-2020 se tiffoka fuq l-integrazzjoni tal-adattament għat-tibdil fil-klima u t-taffija tat-tibdil fil-klima fil-politika tat-trasport;
 2. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li r-riżorsi baġitarji allokatu għall-finanzjament tal-miżuri meħtieġa minħabba t-tibdil fil-klima mhumiex adegwati;
 3. Jistieden lill-Kummissjoni biex tipproponi, bħala parti mit-tieni reviżjoni tagħha tar-regoli finanzjarji għal programmi ffinanzjati mill-UE, approċċi ġodda għall-iffinanzjar u l-investimenti tat-trasport kif ukoll strumenti innovattivi ta' ffinanzjar integrat *relatati mal-adattament għat-tibdil fil-klima*, li huma kruċjali għas-suċċess tal-politiki tat-trasport tal-UE;
 4. Jenfasizza li l-isforzi ta' adattament tas-settur tat-trasport se jkunu partikolarment diffiċli fir-rigward tat-tibdil fil-klima u li fil-preżent l-intrapriżi ta' dan is-settur huma dawk li qed iwettqu l-maġġoranza tal-isforzi; iqis li, minkejja dan, l-isforzi ta' adattament ta' dan is-settur u tal-kumpaniji tiegħu m'għandhomx ikunu sempliċement indipendenti, speċjalment meta wieħed jikkunsidra dak li hemm fin-nofs f'termini tal-kompetittività tal-ekonomija Ewropea kollha kemm hi, u li għandhom jitqiesu b'mod sħiħ fl-approċċ strateġiku għall-adattament, b'mod partikulari billi jiġu proposti azzjonijiet sabiex is-settur tat-trasport ikun jiflaħ iżjed għall-impatti;
 5. Jikkunsidra li l-konsegwenzi ekonomiċi, soċjali u finanzjarji tal-implimentazzjoni tal-miżuri kontra t-tibdil fil-klima fis-settur tat-trasport, bħalma huma l-effetti tal-organizzazzjoni mill-ġdid ta' dan is-settur (pereżempju fir-rigward tal-effett tat-tibdil

fil-modi ta' trasport u l-kapaċitajiet ta' trasport multimodali), għadhom mhux magħrufa jew antiċipati b'mod adegwat; jenfasizza li l-Kummissjoni għandha tiżvilupp l-ġbir ta' data dwar l-iżvilupp ta' dan is-settur u tiddefinixxi indikaturi ta' vulnerabilità u metodi għall-iskambju tal-aħjar prattiki u esperjenza għall-komponenti varji tiegħu (it-trasport bit-triq, bil-ferrovija, bl-ajru u dak marittimu);

6. Ifakkar fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni dwar il-Green Paper dwar il-ġejjieni tal-politika TEN-T tat-22 ta' April 2009, li enfazzat li t-tibdil fil-klima u l-iżvilupp sostenibbli għandhom ikunu integrati fil-politika tal-infrastruttura għall-mezzi kollha tat-trasport sabiex jintlaħqu l-oġettivi tal-UE fir-rigward tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂;
7. Jikkunsidra li r-reviżjoni tat-TEN-T għandha tqis il-fatt li għandu jkun possibbli li proġetti jiġu adattati u jkunu jifilħu għall-impatti tat-tibdil fil-klima;
8. Jenfasizza li l-Kummissjoni għandha tevalwa l-effettività tal-mezzi tat-trasport differenti għad-distribuzzjoni ta' oġġetti u l-metodi biex tiżdied l-intermodalità bejn il-mezzi differenti tat-trasport fil-bliet tagħna fi pjan ġdid u sostenibbli dwar il-mobilità urbana għall-bliet Ewropej, ibbażat fuq l-adattament tal-bliet tagħna għall-effetti tat-tibdil fil-klima;
9. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex ifasslu politika ta' mobilità urbana effiċjenti li tnaqqas il-konġestjoni tat-traffiku u t-tniġġis miż-żoni urbani kbar permezz tal-iżvilupp ta' trasport pubbliku u komodalità u permezz tal-użu ta' sistemi ta' trasport intelliġenti;
10. Japprova l-azzjonijiet proposti sabiex l-infrastruttura fiżika tkun tiflaħ iżjed għall-impatti; jenfasizza li dawn l-azzjonijiet għandhom ikopru mhux biss il-kostruzzjoni iżda wkoll il-manutenzjoni tal-infrastrutturi, inklużi dawk tat-trasport, u jistieden lill-Kummissjoni biex tinkorpora l-bżonn għal eżami mill-ġdid l-istandards tekniċi u ta' sikurezza fid-dawl ta' impatti klimatiċi ġodda fil-programm ta' ħidma tal-aġenziji tal-Komunità li jaħdmu fil-qasam tas-sikurezza tat-trasport;
11. Iqis li ż-żoni muntanjużi fl-Unjoni se jiġu affettwati b'mod partikulari bit-tibdil fil-klima, li jipprogrressa b'rata iktar mgħaġġla f'dawn ir-reġjuni vulnerabbli b'impatt fuq l-impjiegi, l-aċċessibilità, l-użu tal-art, it-turiżmu u l-infrastrutturi, u dan kien jiġġustifika li f'din il-White Paper isir provvediment għal azzjoni speċifika għat-“tisħiħ tar-reżistenza taż-żoni muntanjużi”; jissuġġerixxi, għaldaqstant, li l-Kummissjoni għandha tfassal linji gwida Komunitarji dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima fiż-żoni muntanjużi, fil-kuntest ta' politika ġenerali dwar l-ippjanar spazjali fir-rigward ta' din l-isfida, minħabba li huma żoni ġeografiki partikolarment sensitivi, bħalma huma ż-żoni kostali u tal-baħar;
12. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jimplementaw miżuri speċifiċi għall-protezzjoni taż-żoni kostali u l-ambjent tal-baħar, f'konformità mal-politika marittima komuni, b'qies xieraq tat-trasport marittimu, il-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar u l-amministrazzjoni u l-iżvilupp taż-żoni kostali bħala parti minn approċċ integrat;
13. Jistieden lill-Kummissjoni biex tinvesti fir-riċerka u l-innovazzjoni għall-adattament

tat-trasport u tal-infrastruttura tiegħu għall-effetti tat-tibdil fil-klima u l-kundizzjonijiet klimatiċi estremi, speċjalment f'żoni kostali u marittimi, reġjuni muntanjużi u żoni suxxettibbli għal terrimoti, flimkien ma' riċerka biex jitnaqqsu l-fatturi li jikkawżaw it-tibdil fil-klima, inklużi programmi dwar karozzi ekokloġiċi, sistemi tat-trasport intelliġenti u sistemi ta' mmaniġġjar tat-traffiku;

14. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jippromwovu l-ippjanar integrat fit-tul tal-infrastrutturi tat-trasport u tal-enerġija u l-ippjanar tal-użu tal-art;
15. Jistieden lill-Kummissjoni biex, bħala kwistjoni tal-ikbar urġenza possibbli, ittejjeb l-għarfien u l-osservazzjoni tal-impatti klimatiċi permezz tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka u l-Osservatorju Ewropew tan-Nixfa, filwaqt li tuża t-teknoloġiji l-ġodda tal-monitoraġġ bis-satellita u s-sistemi tat-trasport intelliġenti kull meta jkun possibbli;
16. Jistieden b'mod speċifiku lill-Kummissjoni biex tagħti attenzjoni partikolari fir-rigward tar-reġistrazzjoni u l-valutazzjoni tal-impatti fiż-żoni muntanjużi u kostali, fejn huwa mbassar li t-temperaturi u l-livelli tal-ibħra li qed jogħlew jistgħu jikkawżaw tibdil sinifikanti fis-settur turistiku, li fuqu jiddependu ħafna, u biex tipproponi miżuri fejn ikun neċessarju;
17. Iqis li l-azzjonijiet proposti fil-White Paper fir-rigward tal-istrumenti u l-finanzjamenti, huma vagi ħafna; jistieden lill-Kummissjoni biex tagħti prijorità lil mezzi ta' finanzjament konformi mal-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas" għall-mezzi kollha tat-trasport; jistieden lill-Kummissjoni biex tikkomplementa l-finanzjament tal-adattament għat-tibdil fil-klima permezz tal-Fondi Strutturali u wħud mill-approprijazzjonijiet mill-Pjan ta' Rkupru Ekonomiku Ewropew, u billi tagħti prijorità lill-finanzjament ta' soluzzjonijiet għall-isfidi tat-tibdil fil-klima fil-perspettiva finanzjarja li jmiss għall-perjodu wara l-2013, sabiex tgħin biex isir tkabbir ekoloġiku u sostenibbli, jinħolqu l-impjiegi u jiġu appoġġjati l-partijiet involuti fis-settur tat-trasport u t-turiżmu permezz tal-innovazzjoni u r-riċerka; jenfasizza li l-mezzi kollha tat-trasport għandhom jinternalizzaw gradwalment l-ispejjeż esterni tagħhom relatati mat-tibdil fil-klima;
18. Jenfasizza li l-politiki tat-trasport għandhom ikunu integrati aħjar f'oqsma politiċi oħrajn, speċjalment is-sigurtà tal-enerġija, il-provvista tal-ilma, l-ippjanar tal-użu tal-art, l-ippjanar urban u s-saħħa pubblika, sabiex jinkiseb approċċ sistemiku fir-rigward tal-adattament għat-tibdil fil-klima;
19. Iqis li l-Grupp ta' Tmexxija dwar l-Impatt u l-Adattament jista' jipprovdi għall-parteċipazzjoni ta' Membri tal-Parlament Ewropej li jaħdmu fil-kumitati parlamentari rilevanti (b'mod partikolari l-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu);
20. Jenfasizza li t-Trattat ta' Lisbona fil-futur se jippermetti li l-Kummissjoni tiegħu miżuri ta' appoġġ u koordinazzjoni fil-qasam tat-turiżmu; jistieden lill-Kummissjoni biex tipproponi miżuri u azzjonijiet li jippermettu d-definizzjoni ta' strateġija ta' adattament speċifika għas-settur tat-turiżmu (tisħiħ tal-għarfien dwar it-tibdil fil-

klima, politika ta' prevenzjoni tar-riskju u politika dwar l-adattament għat-tibdil suċċessiv, informazzjoni għall-konsumaturi, eċċ.);

21. Jenfasizza l-bżonn ta' informazzjoni aċċessibbli, dettaljata u sħiħa għall-pubbliku ġenerali u l-partijiet involuti fis-settur tat-trasport u t-turiżmu dwar il-kawżi u l-effetti tat-tibdil fil-klima u dwar il-modi kif dawn l-effetti jistgħu jbiddu l-istili ta' ħajja u l-mezzi tat-trasport, it-tipi ta' vjaġġar, l-organizzazzjoni ta' dawn is-setturi, il-konstruzzjoni u l-manutenzjoni tal-infrastruttura u l-imposti biex tintuża din l-infrastruttura, l-ippjanar spazjali u l-provvista tar-riżorsi naturali; jenfasizza li huwa essenzjali li jkun hemm finanzjament adegwat għal kampanji ta' informazzjoni ta' dan it-tip u li għandu jitqies il-bżonn li dawn il-messaġġi jiġu adattati għall-Istati Membri u r-reġjuni tagħhom.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	27.1.2010
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 31 -: 0 0: 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Margrete Auken, Georges Bach, Izaskun Bilbao Barandica, Antonio Cancian, Michael Cramer, Luis de Grandes Pascual, Christine De Veyrac, Saïd El Khadraoui, Jacqueline Foster, Mathieu Grosch, Dieter-Lebrecht Koch, Werner Kuhn, Jörg Leichtfried, Bogusław Liberadzki, Eva Lichtenberger, Gesine Meissner, Hella Ranner, Vilja Savisaar, Olga Sehnalová, Brian Simpson, Dirk Sterckx, Silvia-Adriana Țicău, Giommara Uggias, Thomas Ulmer, Peter van Dalen, Dominique Vlasto, Artur Zasada, Roberts Zīle
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Philip Bradbourn, Petra Kammerevert, Guido Milana, Dominique Riquet
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Marco Scurria